# INDIKAZZJONIJIET
# GĦALL-FESTI PATRONALI

## tal-Parroċċi, Rettoriji u Knejjes tar-Reliġjużi
## fid-Djoċesi ta' Għawdex
## għas-Sena 2020

*Fis-sitwazzjoni tal-pandemija Covid-19, li jinsabu fiha l-gżejjer tagħna, ħafna komunitajiet insara qed jinqdew b'mezzi ta' xandir biex iwasslu mumenti ta' ċelebrazzjoni u talb mill-knejjes rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, il-kulleġġ tal-kappillani tad-Djoċesi ta' Għawdex qed joffri dawn l-indikazzjonijiet dwar dak li għandu x'jaqsam mal-jum tal-festa patronali, u mal-jiem li jħejju u jwasslu għal jum il-festa.*

## PREMESSA

*Dawn huma indikazzjonijiet tal-massimu li jista' jsir f'kull każ*

1.1 F'każ li s-sitwazzjoni sanitarja fil-pajjiż tibda tersaq lejn in-normal, dan li ġej jindika l-massimu li jista' jsir. Minn dan il-massimu indikat hawn, kull kappillan

   a. *għandu jnaqqas*, biex kollox isir f'konformità mad-direttivi mogħtija minn żmien għal żmien mill-awtoritajiet tas-saħħa; u
   b. *jista' jnaqqas* skont l-esiġenza pastorali u l-każ partikulari ta' kull parroċċa.

1.2 Jekk l-awtoritajiet tas-saħħa jippermettu l-preżenza tal-fidili waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi: tali preżenza tal-fidili tkun permessa waqt iċ-ċelebrazzjonijiet imsemmija f'dan id-dokument, u dejjem fil-limiti tan-normi mogħtija dwar dan.

1.3 Ukoll, il-pellegrinaġġ ta' radd il-ħajr f'jum il-festa (ara 1.2.2), isir *biss* f'każ li dan ikun permess kemm mill-awtoritajiet tas-saħħa, kif ukoll mill-konferenza episkopali Maltija.

# L-INDIKAZZJONIJIET

## 1

## ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI U TA' QIMA (festi interni)

### 1.1 Il-jiem ta' tħejjija qabel jum il-festa

#### 1.1.1 It-tul taż-żmien ta' tħejjija

a. Fejn is-soltu ssir il-Kwindiċina: tibda 15-il jum konsekuttiv qabel il-jum tal-festa, liema 15-il jum ikunu jinkludu t-tlitt ijiem tat-Tridu u lejliet il-festa.
b. Fejn is-soltu ssir in-Novena: tibda disat ijiem konsekuttivi qabel il-jum tal-festa, liema disat ijiem ikunu jinkludu t-tlitt ijiem tat-Tridu u lejliet il-festa.
c. Fil-każijiet l-oħra: it-tħejjija għall-festa tibda sitt ijiem qabel il-jum tal-festa, liema sitt ijiem ikunu jinkludu t-tlitt ijiem tat-Tridu u lejliet il-festa.

#### 1.1.2 Iċ-ċelebrazzjonijiet fiż-żmien tat-tħejjija

a. Il-Quddiesa: bl-omelija, bis-sehem ta' konċelebranti, kif ukoll bis-sehem ta' organista, kantur/solista, u xi koristi. Il-Qari jixxandar mill-organista/kanturi, jew minn oħrajn.
b. Espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament, Adorazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.
c. Talb tal-Liturġija tas-Siegħat.
d. Talba tar-Rużarju, Kurunella jew talb devozzjonali ieħor.
e. Katekeżi.

### 1.2 Jum il-festa

#### 1.2.1 Iċ-ċelebrazzjonijiet f'jum il-festa

a. Il-Quddiesa prinċipali (pontifikali): bl-omelija, bis-sehem ta' konċelebranti, kif ukoll bis-sehem ta' organista, kantur/solista, u xi koristi. Jistgħu jiżdiedu wkoll xi strumenti mużikali oħrajn, imma mhux aktar minn sitta. Il-Qari jixxandar mill-organista/kanturi, jew minn oħrajn.
b. Il-Quddies l-ieħor: bl-omelija, kif ukoll bis-sehem ta' organista, kantur/solista. Il-Qari jixxandar mill-organista/kanturi, jew minn oħrajn.
c. Espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament, Adorazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.
d. Talb tal-Liturġija tas-Siegħat
e. Talba tar-Rużarju, Kurunella jew talb devozzjonali ieħor.
f. Katekeżi

#### 1.2.2 Il-pellegrinaġġ ta' radd il-ħajr

a. Il-pellegrinaġġ isir f'ħin filgħaxija u bl-iktar mod sempliċi u devot. Matul il-pellegrinaġġ isir biss talb u kant.
b. Il-pellegrinaġġ jgħaddi mit-toroq li minnhom is-soltu tgħaddi l-purċissjoni tal-festa.
c. Il-pellegrinaġġ jimxi f'din l-ordni: l-ewwel l-istatwa merfugħa mir-reffiegħa, imbagħad il-kappillan u l-kleru lebsin suttana (jew alba), warajhom dawk li ser jgħinu fit-talb u fil-kant, u fl-aħħar nett il-poplu.

# 2

# ARMAR FIL-KNISJA U SINJALI OĦRA ESTERNI

## 2.1 Tiżjin fil-knisja

a. Jintrama d-damask tal-erba’ pilastri ta’ madwar l-artal u l-kor.
b. Jintrama l-artal maġġur u ż-żona tal-kor, inkuż it-tużell.
c. Jitniżżlu u jinxtgħelu l-linef il-kbar fil-kappelluni prinċipali.

## 2.2 L-istatwa titulari

a. Tintrama l-istatwa titulari.
b. Fejn hemm pavaljun għall-istatwa titulari, jista’ jintrama.
c. *Nota*: m’għandux isir il-ħruġ tal-istatwa, bħalma s-soltu jsir, taħt forma ċelebrattiva.

## 2.3 Sinjali esterni oħra

a. Isir id-daqq tal-qniepen skont iċ-ċelebrazzjonijiet li jkunu se jsiru fil-knisja.
b. Ir-rivista tal-parroċċa: preferibilment issir b’mod diġitali, bil-ħsieb li tkun inkorporata ma’ dik stampata s-sena ta’ wara, jew mal-ħarġa li jmiss.
c. Il-ġbir ta’ flus għall-ispejjeż tal-festa jsir biss permezz ta’ kaxxi fil-knisja, jew permezz ta’ donazzjonijiet mogħtija direttament lill-kappillan. Ma jistax isir ġbir ta’ flus bieb bieb. Preferibilment, lanqas isiru avviżi dwar ġbir ta’ flus, jekk mhux bi skopijiet ta’ karità.

# 3

# FESTI U MANIFESTAZZJONIJIET ESTERNI

## 3.1 Armar ta’ barra

a. Jintrama u jinxtgħel xi dawl mal-faċċata tal-knisja.
b. Jintramaw u jinxtgħelu xi festuni tad-dawl fil-pjazza ta’ quddiem il-knisja jew fuq iz-zuntier tal-knisja, liema festuni huma minn dawk li s-soltu jintramaw fl-istess post fi snin oħra.
c. Jintrama sett arbli bil-bandalori fil-pjazza ta’ quddiem il-knisja jew fuq iz-zuntier, liema armar huwa minn dak li s-soltu jintrama fl-istess post fi snin oħra.

## 3.2 Nota dwar il-ħruq ta’ xogħol pirotekniku

a. Fid-dawl tal-permess limitat li jista’ jingħata, skont kif imħabbar mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi (6 ta’ Mejju 2020),

   Il-parroċċi, ir-rettoriji u l-komunitajiet reliġjużi m’għandhomx jixtru xogħol pirotekniku jew jorganizzaw ħruq ta’ nar. Barra minn hekk, il-parroċċi, ir-rettoriji u l-komunitajiet reliġjużi m’għandhom jagħtu ebda kontribut finanzjarju jew prattiku, dirett jew indirett, f’dak li għandu x’jaqsam max-xiri jew mal-ħruq tan-nar.

### 3.3 Manifestazzjonijiet esterni

a. M’għandha tiġi organizzata ebda attività li tinvolvi d-daqq tal-banda jew ta’ sistemi oħra ta’ *sound*.
b. M’għandha ssir ebda manifestazzjoni jew attività esterna oħra, taħt ebda forma.

---

Maħruġa mill-Kulleġġ tal-Kappillani tad-Djoċesi ta’ Għawdex
il-Ħamis 14 ta’ Mejju 2020